MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2010

Numru. 384/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**V**

**PAUL BUTTIGIEG**
**MARY CARMEN BUTTIGIEG**

**Seduta ta' llum, ………………….. 2010**
**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **PAUL BUTTIGIEG**, bin Patrick u Gemma nee Xeri, imwieled nhar l-ewwel t'April 1963 u residenti 135, Triq il-Kuncizzjoni, Qala Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita numru 218163M u **MARY CARMEN BUTTIGIEG** mart Paul u bint Loreto Galea u Loreta nee Xeri, imwielda nhar l-erbatax ta' Jannar 1965 u residenti 135, Triq il-Kuncizzjoni, Qala Ghawdex, detentrici ta' karta tal-identita numru 4065G gew imressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Fl-ghaxra ta' Mejju 2006, ghal habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar, fi Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex, voluntarjament kisru l-paci pubblika b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

2. Talli hebbew ghal Emanuel Mercieca mill-Qala w ikkagunawlu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Doctor John Xuereb Curmi MD mic-Centru tas-Sahha, Rabat, Ghawdex;

3. Talli **PAUL BUTTIGIEG WAHDU** fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku fid-direzzjoni ta' Emanuel Mercieca.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-affidavit ta' Doctor John Xuereb Curmi, l-affidavit ta' PS 1377 Emanuel Cilia, l-okkorrenza relattiva, s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Emanuel Mercieca nhar d-disgha t'Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Pauline Mercieca nhar d-disgha t'Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Pawla Mercieca, lil Emanuel Mercieca, lil Joseph Portelli, lil Saviour Camilleri, kif wkoll lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi **Joseph Portelli** xehed li nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006, li qal li hu nzerta kien d-dar tieghu fil-gallarija u semgha lil imputata Mary Carmen Buttigieg tidghi u toffendi lil omm Emanuel Mercieca li jigi missier l-mara tieghu u dan waqt li kien qieghed fil-passagg fil-proprjeta taghhom. Qal li d-dar tieghu tmiss ma dik ta' Emanuel Mercieca liema dar tmiss mal-passagg. Qal li minn fejn kien setgha jara l-incident isehh u ra lil imputati jitilghu fil-passagg tieghu u

jahbtu bla hniena ghal Emanuel Mercieca u tefghuh fuq tank, li inkiser bih. Zied jghid li sussegwentement hu nizel biex jaghti daqqa t'id lil hatnu u dan ghaliex semgha lil kunjata tghajjat '*ohorgu ghax se joqtluh*'.

Qal li hu, bhala sammaritan tajjeb, mar jiddefendi lil kunjatu tieghu.  Mistoqsi jekk lil Emanuel Mercieca rahx jaghti xi daqqiet, wiegeb li ma setghax jiddefendi lilu nnifsu ghax t-tnejn li kienu, tefghuh fuq t-tank u ma rah fl-ebda hin jaghti, rah biss jaqla.  Mistoqsi liema mill-imputati taw daqaiet wiegeb li t-tnejn li kienu tawh.

**Emanuel Mercieca** xehed u qal li huwa kien fil-passagg hiereg u ra lill-imputat Paul Buttigieg ighamel gesti oxxeni u dan wara li dahallu fi hwejjgu.  Spjega li l-imputati tawh daqqiet kemm felhu u sahansitra anke tefghuh fuq tank tal-ilma li nkiser bih. Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi feriti fuq saqajh ix-xhud wiegeb li ma rahomx.

**Saviour Camilleri** xehed u qal li hu kien qed jaghlef l-ghasafar fil-kamra t'isfel u semgha lil Emanuel Mercieca ighajjat u lill-konjugi Buttigieg jitkellmu hazin u jghidu kliem mhux xieraq w offensiv. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd jimbotta lil Paul Buttigeg ighid li ma ra lil hadd jaghmel mossa simili.  Jghid pero li tilwim bejn Emanuel Mercieca u l-imputati ra w anke ghajjat semgha.

Illi interessanti hu l-fatt li wara li ghaddew tlett snin, irrizulta li fuq il-post tal-incident kien hemm ukoll iben Joseph Portelli l-kwerelant, certu Pierre Joe Portelli li allegatament kien indahal sabiex iferraq lil Emanuel Mercieca minn mal-imputati.

Fil-fatt, in kontr'ezami Joseph Portelli ighid li kien ibnu Pierre Joe li fired lil imputati Buttigieg minn ma Emanuel Mercieca. Mistoqsi ghaliex ma semmiex dan il-fatt qabel, wiegeb li ma riedtx idahhal lill-ibnu f'din il-kwisjtoni.

Illi **l-imputat Paul Buttigieg** xehed li hu kellu kwistjoni fuq hajt tal-qasma ghaliex kien hemm musmar mal-art u meta poggew l-hajt divisorju, nduna li dan il-hajt tmexxa tmien pulzieri.  Qal li kien sar Mandat t'Inibizzjoni u kien gie

anke l-Magistrat fuq il-post sabiex jigi deciz fejn ghandha tkun l-qasma.

Qal li sussegwentement kellhom jigu l-benneja sabiex jirrangaw u jibnu dan il-hajt u hu kien mar nhar l-ghaxra ta' Mejju ghal habta ta' nofsinhar fuq il-post sabiex jara li l-hajt kien ser jinbena kif kien miftiehem. Qal li fil-fatt l-hajt kien kif suppost u kien ilu hemm forsi zewg minuti jew tlieta meta hareg Emanuel Mercieca u beda jitkellem hazin u qallu li minn hemmhekk ma jghaddix. Qal li meta beda jitkellem mieghu, kien xi erbgha filati ghola minnu u li ma qabizx minn hemm, ghaliex kien fl-gholi. Qal li dan beda wkoll jiccalingah ghal glied minn fejn kien u qallu wkoll kelma mhux xierqa u biex ma jghaddix minn hemm.

Ix-xhud zied jghid li hu kien irrispondih fis-sens li qallu "*m'inzeggigx*'. Zied jghid li hu qallu li kellu kuntratt li juri li setgha jghaddi minn hemmhekk u bil-mandat prima facie, kellu dritt jghaddi minn hemm u baqghu jargumentaw hu u Emanuel Mercieca u dan tal-ahhar imbuttah sabiex ma jghaddix u hu (ix-xhud) imbotta lil Emanuel Mercieca li waqa' fuq tank tal-plastik li nkiser mill-ewwel. Qal li ghalkemm gara dan kollu, ma gewx f'idejn u lanqas brix ma kellu fuqu Emanuel Mercieca tant li meta tela' jixhed t-tabib, ikkonferma dan u cioe li ma kellux brix. Qal li dan kollu qalu wkoll fl-istqarrija li kien irrilaxxja w anke kien baghtu lil Kummissarju tal-Pulizija.

Zied jghid li sussegwentement kien mar certu Salvu Camilleri maghruf bhala 'l-Pessu', u hu (ix-xhud) kien qallu li hemmhekk kien tieghu u li kellu dritt jghaddi minn hemmhekk u dan zammhom minn xulxin u dak l-hin kien ikkalma.

Zied jghid li f'daqqa wahda deher fuq il-post Joseph Portelli waqt li hu kien qed jitkellem ma Pierre Joe Portelli w imbuttah minn dahru u baqa jkaxkru. Qal li fil-passagg kien hemm ftit zrar tal-armar u dan kaxkru xi ghaxar piedi, qabbzu dawk l-erbgha filati li Emanuel Mercieca beza' jaqbez. Qal li x'hin qabbzu, saqajh kienet aktar fl-gholi u minn dak l-hin hu ma mexiex aktar. Qal li Joseph Portelli beda jghajjat '*hawnhekk ma rridukhomx*' u mar fuq il-mara

tieghu (tax-xhud) w imbuttaha fejn kien hemm hafna xahx u beda jpoggiha mal-art u l-mara bdiet tghajjat '*ara x'inti taghmel*'.

Illi **l-imputata Mary Carmen Buttigieg** ikkonfermat x-xhieda li ta zewgha l-imputat u ziedet tghid li fil-bidu hi ma kienetx presenti ghal incident pero x'hin waslet rat lil Leli jipprova jinzel minn dawk l-erbgha filati li kien hemm. Qalet li fil-fatt hi pingiet *sketch* biex turi ezatt fejn sehh l-incident li esibiet bhala Dok. Z. Cahdet dak li gie allegat fil-konfront taghha li hi u zewgha taw bil-ponn.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq kredibibilta ta' xhieda li hija daqxejn konfinggenti f'certi partijiet.

Il-prosekuzzjoni qed tallega li kienu l-imputati li hebbew ghal Emanuel Mercieca w ikkagunawlu feriti ta' natura hafifa u li kkrejaw ksur tal-paci pubblika.

Huwa l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha u l-imputati m' huma obbligati jaghmlu xejn sabiex jippruvaw l-innocenza taghhom, izda dak li ighidu jista jintuza bhala prova.

Illi jirrizulta minn dak li qalu l-imputati stess, li verament kien hemm glieda verbali u li kien hemm disgwid dwar min kellu dritt jew le jghaddi mill-passagg. L-imputat Paul Buttigieg, kif konfermat minn martu l-imputata, jghid li huwa beda jargumenta ma Emanuel Mercieca u li effettivament Saviour Camilleri kien zammhom u li kienu kkalmaw.

Illi ghalhekk, a bazi ta' din ix-xhieda stess, jirrizulta li kien hemm ghajjat u glied f'post accessibbli ghall-pubbliku.

Dwar l-feriti li sofra Emanuel Mercieca, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Paul Buttigieg stess li jghid li tefgha lil Emanuel Mercieca ghal go tank tal-ilma u li dan inkiser bih. Din ix-xhieda hija konfermata mill-imputata wkoll.

It-tabib John Xuereb Curmi iccertifika u sussegentement ikkonferma viva voce l-Qorti, li huwa kien ezamina lil dan Emanuel Mercieca u sab li kellu grif superficjali konsistenti f'brix fuq darhu kompatibbli ma waqa fuq *surface* li ma kienx lixx u kellu wkoll nefha fuq xoftu t'isfel. Illi m'hemmx dubbju li l-brix li kellu Emanuel Mercieca setghu kienu rizultat tal-imbottatura li tah l-imputat Paul Buttigieg meta waqa' fuq it-tank.

Illi ghalhekk din l-akkuza ta' ferita ta' natura hafifa tirrizulta wkoll.

Illi ghalkemm jidher li Emanuel Mercieca kien irrapporta lil pulizija ezekuttiva li kienu z-zewg imputati li hebbew ghalih w imbuttawh fuq it-tank tal-ilma, viva voce il-Qorti isemmi biss li kien l-imputat Paul Buttigieg li imbuttah fuq it-tank tal-ilma, ghalkemm l-imputata bdiet tghajjru u targumenta mieghu fuq id-drittijiet li kellha biex tghaddi mill-passagg, kif del resto jikkonferma l-istess Paul Buttigieg.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li l-imputat Paul Buttigieg ghamel gesti oxxeni, din ma tirrizultax lanqas remotament w ghalhekk, il-Qorti ma ssibux hati taghha. Huwa biss Joseph Portelli li jaghmel referenza ghal dawn l-allegati gesti oxxeni.

**Ghaldaqstant**, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 338(dd),339(1)(e)(d), 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed issib lil imputat PAUL BUTTIGIEG hati tal-ewwel zewg akkuzi u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ hamsin (50) euro filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati tat-tielet (3) akkuza u tilliberah mnnha.**

**Fil-konfront tal-imputata MARY CARMEN BUTTIGIEG, il-Qorti tiddikjara li qed issibha hatja tal-ewwel (1) akkuza u tikkundannha ghal hlas ta’ multa t’ghoxrin (20) euro filwaqt li tiddikjara li ma ssibhix hatja tat-tieni (2) akkuza kif dedotta fil-konfront taghha u tilliberha minnha.**

**Il-Qorti qeghda wkoll torbot lil imputati taht penali ta’ mitt (100) euro fin-nuqqas sabiex ma jimmolestawx, ma jingurjawx u ma jheddux lil Emanuel Mercieca ghal perjodu ta’ sena mill-lum taht l-provvedimenti tal-artikolu 383(1) u 386 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------